# IL-BLATA TA' RAŻŻA



Fin-niżla ta' San Brinkat hekk kif tilwi lejn il-Magħtab, kien hemm il-Blata ta' Rażża. Din kienet blata kbira għolja qrib żewġ sulari, (daqs seba' metri), wieqfa eżatt quddiem il-bidu tat-trejqa. Illum hemm triq normali; dari ma kienux jgħaddu ebda inġenji, għax il-mogħdija kienet ħażina; lanqas bil-mixi, jew bil-bhima ma kienet komda.

Fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Jannar, 1973, minħabba l-ilmijiet kbar tax-xita qawwija, din il-blata ċediet minn taħt u nqalbet sħiħa, b'mod li ħalqet il-kisra tat-trejqa. Ħdejha kien hemm blata oħra kbira, iżda din kienet għaċ-ċatt, u baqgħet f'postha.

Kienu jfittxuha sikwit is-suldati, l-iskawz, u dawk li jħobbu jixxabbtu, biex jitilgħu magħha. Fost in-nies tar-raħal kien hawn leġġenda li dawk iż-żewġ blatiet kien ilhom hemm sa minn żmien id-dilluvju.

Fis-snin Tmenin, meta tranġat in-niżla ta' San Brinkat u sar il-ġnien tal-Ponta, il-blata ġiet imkissra biex tinfetaħ it-triq, u din tkun tajba wkoll għat-traffiku żgħir, 'il fuq u 'l isfel. Iżda j'alla wieħed joqgħod attent għax in-niżla hija wieqfa ħafna.

U mill-Blata ta' Rażża, illum baqa' biss xi ritratti.

*Dun Karm Bezzina*



**Il-Blata ta' Rażża kif inqalbet bil-lejl tas-6/7 ta' Jannar 1973**